VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,038, 14 ta' Awwissu, 2018
Taqsima B

A.L. 280 tal-2018

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2018 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2017 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master of Psychology fil-Clinical Psychology - M.Psy. (Clin.) – jew fil-Counselling Psychology - M.Psy. (Couns.) – jew fl-Educational Psychology - M.Psy. (Ed.) – jew fil-Forensic Psychology – M.Psy. (For.) – jew fil-Health Psychology – M.Psy. (Health) – jew fin-Neuropsychology – M.Psy. (Neuro.) - taħt il-patroċinju tal-Fakultà għat-Tisħiħ tas-Soċjetà

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74 (5) u 75 (6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà għat-Tisħiħ tas-Soċjetà bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81(1)(ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:

It-Titlu

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2018 biex jemendew l-Ordinamenti tal-2017 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-grad ta' Master of Psychology fil-Clinical Psychology - M.Psy. (Clin.) – jew fil-Counselling Psychology - M.Psy. (Couns.) – jew fl-Educational Psychology - M.Psy. (Ed.) – jew fil-Forensic Psychology – M.Psy. (For.) – jew fil-Health Psychology – M.Psy. (Health) – jew fin-Neuropsychology – M.Psy. (Neuro.) - u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2017 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-grad ta' Master of Psychology fil-Clinical Psychology - M.Psy. (Clin.) – jew fil-Counselling Psychology - M.Psy. (Couns.) – jew fl-Educational Psychology - M.Psy. (Ed.) – jew fil-Forensic Psychology – M.Psy. (For.) – jew fil-Health Psychology – M.Psy. (Health) jew fin-Neuropsychology – M.Psy. (Neuro.) - taħt il-patroċinju tal-Fakultà għat-Tisħiħ tas-Soċjetà, ippubblikati bħala Avviż Legali 483 tal-2010, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2019 jew wara.

VERŻJONI ELETTRONIKA

L-Emenda għall-ordinament 4 tal-ordinamenti prinċipali

3. Minflok il-paragrafu (1) tal-ordinament 4 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"**Ir-Rekwiżiti għad-Dħul**

4. (1) Il-Kors ikun miftuħ għall-applikanti li huma profiċjenti fil-Lingwa Maltija u għandhom dawn il-kwalifiki li ġejjin:

(a) grad ta' Bachelor fil-Psikoloġija miksub tal-anqas fit-Tieni Klassi bl-Unuri (ta' Fuq), jew kwalifika ekwivalenti minn din l-Università jew minn università oħra; jew

(b) grad ta' Bachelor fil-Psikoloġija miksub tal-anqas fit-Tieni Klassi bl-Unuri (ta' Isfel), flimkien ma' grad ta' Master f'oqsma relatati mal-Psikoloġija minn din l-Università jew minn università oħra; jew

(ċ) grad ta' Bachelor fil-Psikoloġija jew grad ta' Bachelor bil-Psikoloġija bħala l-qasam ta' studju prinċipali, fiż-żewġ każijiet miksub tal-anqas b'Kategorija IIA jew grad ieħor f'qasam relatat meqjus bħala rilevanti mill-Board tal-Istudji miksub tal-anqas fit-Tieni Klassi bl-Unuri (ta' Fuq):

sakemm li l-applikanti kollha li japplikaw skont it-termini ta' dan il-paragrafu jkunu jew kisbu 60 krettu ECTS fil-Psikoloġija, kif approvat mill-Bord, wara l-għotja tal-grad tagħhom, jew kisbu l-Higher Diploma in Psychology mill-anqas bi klassifikazzjoni ta' Għaddew b'Mertu, li flimkien mal-grad tagħhom ikunu meqjusa bħala komparabbli għall-kwalifika indikata fil-paragrafu (a) ta' dan l-ordinament."